# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-20 ta' Novembru 2013

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà

(2014/97/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi, wara li eżaminaw il-possibbiltajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet taħt l-Intestatura 1b, jidher li hemm bżonn tal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà biex jikkomplementa l-finanzjament fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, lil hinn mil-limitu massimu tal-intestatura 1b, ta' EUR 89 330 000, favur il-finanzjament tal-programmi ta' Fondi Strutturali Ċiprijotti biex tingħata allokazzjoni addizzjonali mill-Fondi Strutturali lil Ċipru għas-sena 2014 b'ammont totali ta' EUR 100 000 000,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-budget ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, l-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jintuża biex tiġi pprovduta s-somma ta' EUR 89 330 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-intestatura 1b.

Dak l-ammont għandu jintuża biex jikkomplimenta l-finanzjament tal-programmi tal-Fondi Strutturali Ċiprijotti taħt l-intestatura 1b.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Novembru 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | V. LEŠKEVIČIUS |

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.